# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru tmienja u ħamsin (58) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tnejn, 27 ta' Settembru 2010, fis-6:30pm fil-Bini Amministrattiv tal-KLM.

| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
|---|---|---|
| | Charles Farrugia | Viċi Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Din il-**laqgħa nżammet ġurnata** qabel minħabba li kien hemm xi kunsillieri li ma setgħux jattendu li kieku din kellha tinżamm it-Tlieta, 28 ta' Settembru 2010, kif skedat. Dawn l-arranġamenti saru b'*e-mails* wara li ntlaqgħet it-talba mis-sindku.

2. **Is-sindku ppresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

3. Il-**minuti tas-seduta** preċedenti li kienu ċirkulati qabel din is-seduta permezz ta' *e-mail*, sarulhom il-korrezzjonijiet li xtaqu l-kunsillieri, kienu approvati u ffirmati.

4. Dwar ir-**rapport finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena Apr-Ġun 2010,** għad iridu jsiru l-emendi fih qabel jintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali wara li kien hekk deċiż fl-aħħar seduta biex il-vot tal-*community & hospitality* jkun qed jaqta' l-*income* u ma jidhirx minfuħ. Is-sindku staqsa jekk l-*e-mail* li bagħtet Ms Gemma Debono mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kienetx qed tirreferi għal dan ir-rapport. Is-segretarju eżekuttiv qal li din kienet qed tirreferi għall-***financial statements y.e. 31.12.09*** li s'issa jidher li għadhom mhux aċċettati mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur. Infatti is-segretarju eżekuttiv semma kif bħal dan iż-żmien sena kien talab lill-KLM sabiex jieħu s-servizzi ta' *accountant*, liema talba kienet ġiet rifjutata eżattament qabel ma' kienu bdew isiru l-arranġamenti biex ikun impjegat *part timer*. Hu sostna li llum il-ġurnata anke min għandu toqba ta' ħanut ukoll għandu *accountant* aħseb u ara KLM b'*turn over* ta' tant eluf ta' ewros. Barra minn hekk dan il-fatt qed jitfa' l-KLM fi żvantaġġ għaliex ma' kull applikazzjoni għal fondi mill-Unjoni Ewropeja, jkun jinħtieġ l-*audited accounts*. Dawn, din is-sena għall-ewwel darba, disa' xhur wara li għalqet is-sena 2009, għadhom m'humiex f'idejna għaliex l-udituri *Grant Thornton*, konsegwenza ta' hekk ma fformulawhomx. Is-sindku qal li ġaladarba hawn kunsens, allura għandna noħorġu l-***call for quotations*** **biex naħtru** ***accountant***.

5. Dwar ix-xogħlijiet ta' **kisi mill-ġdid tal-uċuħ tat-toroq**, is-sindku qal li dan kompla għaddej. Issolva l-ilment tal-*main* tal-ilma ta' Rokku Camilleri fis-*service road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija filwaqt li ġejna affaċċjati bi problema biex titpoġġa katusa tal-pied għall-*culvert* biex jilqa' l-ilma fi Triq San Mikiel. Dan għaliex il-wisgħa tat-triq ma jippermettix li minnha jgħaddu katusi tal-*culvert, main* tal-ilma, kif ukoll il-medda eżistenti tad-drenaġġ. Għaldaqstant kien deċiż illi l-ideja tal-*culvert* tiġi mwarrba u r-*run off water* jgħaddi sewwa sew minn nofs it-triq, peress li lanqas jekk irridu ma nistgħu nagħmlu bankini (minħabba li triq hija dejqa) ħalli min ikun ħiereġ minn daru ma jitfgħax saqajh f'wied ilma ma kull bexxa xita. Madankollu Charles Farrugia qal illi jekk il-kuntrattur *Asfaltar*

*Ltd* mhux se jagħtina spjegazzjoni (*programme of works)* kif se jaħdem, il-KLM għandu jfittex jibdel il-kuntrattur. Noel Galea qal li ilu biex jiltaqa' miegħu iżda ġimgħatejn ilu u dan għadu lanqas iffirma l-kuntratt kif ukoll il-mod kif se jitħallas, liema kuntratt kien ppreżentat lilu f'April, 2010. Infatti l-Perit Sandra Magro semmiet id-diffikultà fid-dewmien tal-ħlasijiet, u fil-frattemp *Transport Malta* jidher li waħħlet multa lill-kuntrattur u waqqfitu (liema dokumentazzjoni il-KLM m'għandux) għaliex naqas li jieħu miżuri ta' sigurtà għall-*pedestrians* fuq il-lant tax-xogħol. Is-sindku informa lill-kunsillieri illi t-**trinka għat-tqegħid tal-*wires* tas-*sub station*** li għaddiet minn Triq iċ-Ċavi, p/m Triq San Innoċenzju, p/m Triq il-Kileb, qasmet Triq Santa Katerina u Triq il-Mitħna, issa hija lesta u sar ir-*reinstatement* fejn kellu jsir mill-kuntrattur Fenech. Dwar it-trinka tal-Pjazza tal-Knisja, erġajna ssottomettejna l-applikazzjoni *on-line* mill-uffiċċju tagħna, peress li kien antiċipat illi jsir xogħol fejn il-każin tal-PL u biż-żvista t-triq tniżżlet Triq Karmenu Ciantar flok Pjazza tal-Knisja.

6. Dwar l-ilment li kienu kellmuna fuqu l-pulizija illi fi Triq id-Duluri kien intefa' fit-triq it-tarmak f'forma ta' *sleeping policeman* iżda ċkejkna biex *rain water run-off* ikun milqugħ fi grada tal-ilma ta' bokka ta' bir privat u li eventwalment kienet korriet tifla fuqu, is-sindku qal li dan inqala' mill-ħaddiema tagħna. Intant biex l-ilma ma jintilifx, sar *gutter* li hu ttamat li jkollu l-istess effett, li jinħażen l-ilma tax-xita u nnaqqsu minnu mit-toroq tagħna. Peress li minn Triq id-Duluri ftit li xejn jinżel ilma, għaliex dan fil-fatt l-aktar li jaqleb hu lejn Triq il-Parroċċa (it-triq tan-nofs), kien hemm il-ħsieb li jsir *culvert* quddiem il-Familja Xuereb biex l-ilma minn naħa jmur għan-naħa l-oħra. Madankollu l-viċi sindku qal li peress li *culvert* irid ħafna manutenzjoni nistgħu nevitaw dan billi jinqaleb it-talut tat-triq billi tiġi *scarified* it-triq u tingħata kisja ġdida ta' *tarmac*.

7. Dwar il-**korsijiet tax-xitwa tal-*computer***, is-sindku qal li fil-fatt, tfal ftit li xejn hemm interessati. Madankollu qed nagħmlu minn kollox biex inħejju l-infrastruttura (linja tat-telefon, *modem*, *connections* bejn il-*computers*) ħalli jsir għall-ewwel darba dak tal-*internet*.

8. Is-sindku semma l-**kwotazzjoni għal xiri ta' bankijiet tal-injam** peress li l-Kunsill Lokali Mqabba kien tefa' għajnejh fuq l-istima ta' Ricky Caruana. Peress li ma kellniex l-ispeċifikazzjonijiet eżatt dwar dak li ridna, is-Sur Caruana kien ikkomunika mas-sindku l-proposta tal-KLM sabiex flok materjal tal-*oak* jiġi magħżul dak tal-*iroko*. Is-sindku qal li dan l-ewwel qal mod u imbagħad talabna €800 għal bank wieħed tal-*iroko*, filwaqt li qed jitlob €500 għal wieħed tal-*oak*, xi ħaġa li l-KLM qed jaraha esaġerata. Għaldaqstant il-KLM se jerġa' jitlob kwotazzjonijiet għall-bankijiet tal-*iroko* bil-qisien eżatti biex jinħadmu għalina kif inhuma dawk ta' Triq Valletta li jinsabu biswit l-Iskola Primarja.

9. Il-kunsillieri kienu infurmati li issa ħarġet l-**offerta tal-ġbir tal-iskart** kemm mill-lokalità tagħna kif ukoll minn dik ta'Ħal Safi. Din għandha 52 ġurnata bil-liġi sakemm il-*bidders* jingħataw iċ-ċans jimlew id-dokumentazzjoni volumuża li qed tintalab filwaqt li l-avviż deher ukoll fuq il-*European Journal*.

10. Għall-proposta tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V li kienet issemmiet fil-minuti tas-seduta preċedenti biex jingħalqu t-toroq fl-inħawi tal-Każin tal-Futbol inkluż Triq tas-Sejba l-Ħadd filgħodu biex ikunu organizzati **tlielaq tal-*Go-Carts***, fejn il-KLM kien oġġezzjona minħabba li kien se jkun hemm inkonvenjent jekk tingħalaq is-Sejba, dawn issuġġerew alternattiva. Infatti l-każin qed jipposponi l-attività għall-10 ta' Ottubru 2010, u

jindika sit differenti – dak ta' Misraħ il-Fidwa. Il-KLM m'għandu l-ebda' oġġezzjoni dment li dawn jġibu l-permessi meħtieġa kemm mill-kunsill kif ukoll mill-awtoritajiet l-oħra.

11. Kollox jidher li jinsab imħejji biex tkun organizzata l-attività kulturali tal-KLM fl-1 ta' Ottubru 2010, jiġifieri it-**tieni edizzjoni tal-attività "L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien".** Is-sindku qal li ħawwlu l-antarjoli, twaħħlet id-*distribution box* tal-provista tal-kurrent elettriku, saru l-permessi tan-nar billi applikajna mal-pulizija, kien ordnat l-*overtime* tal-gwardjani minn *Heritage Malta* biex jiftħu l-Katakombi tal-Mentna, filwaqt li fuq il-palk ikkonfermaw li se jagħtu sehemhom mingħajr ħlas iċ-ċkejken Jeremy Buttigieg, Ms Ghigo li minkejja li hija Mqabbija toqgħod B'Kara, Chrystal Bugeja, il-grupp *Four Rings* li l-membri tiegħu huma ta' dixxendenza Mqabbija tas-Surmast Julio Tanti, u l-grupp *Goo Goo Cats*. L-attività fuq il-palk fil-Pjazza tal-Knisja għandha tieqaf fit-8:00pm ħalli nagħtu ċans lill-banda li għandha titla' għal fejn il-kunsill fejn se noffrulhom *drink,* u din imbgħad tibqa' sejra għat-triq tan-nofs, tgħaddi minn fejn il-Każin ta' Santa Marija, u tibqa' tiela' għal fejn il-Każin tal-Futbol minn Triq il-Madonna tal-Ġilju. Intant, fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti iridu jinqalgħu temporanjament il-bankijiet ta' fejn il-*bring in site* biex jagħmlu wisgħa għall-annimali li se jkunu skjerati hemmhekk imdawwrin bil-*pallets* li jridu jintramaw mill-ħaddiema tal-*IPSL*. Kollox hu imħejji sabiex fil-Pjazza tal-Knisja jintramaw *stands* li se jkunu ġentilment provduti lilna mill-Għammieri biex taħthom jiġi msajjar żewġ tipi ta' għagin, balbuljata u kawlata. Is-sindku qal li kien deċiż illi dawn ibiegħu ukoll id-*drinks* ukoll, filwaqt li se jkun hemm l-i*stands* tal-inbid tal-*Montekristo Estates* fejn il-wirja agrarja kif ukoll l-esebizzjoni ta' vetturi antiki. Dwar il-pubbliċità għall-attività kulturali Noel Galea irringrazzja l-istazzjon *NET* talli għoġobhom jinkludu *slot* pubbliċitarju fil-programm ta' Janice Darmanin, bl-isem 'KaxxaJan' kif ukoll Nicholas Briffa qal li se jinkludi l-avviż mingħajr ħlas fuq One *Radio* fil-programm ta' Ray Mahoney bl-isem 'Djarju Kulturali'. Nicholas Briffa qal li kienet diffiċli ħafna li r-reklam isir fuq il-*One TV* għaliex għadha ma bdietx l-iskeda l-ġdida u bħal issa qed jintwerew ħafna *repeat programmes*. Intant se noħorġu stqarrija għall-istampa u x-xandir filwaqt li qed jiġu pprintjati l-*posters* u l-*leaflets* għand il-*Bestprint Co Ltd*. Dwar il-kiri tal-apparat tas-*sound*, peress li l-KLM jinħtieġ li jkollu l-*monitors*, kellna nikru mingħand xi ħadd professjonali li kien approvat fil-*Payment Approval Sheet* 392, *item* 8 fi tmiem is-seduta, flimkien mal-pagamenti l-oħra. Intant is-sindku qal li l-*compare* tas-serata se jkun l-eks Kunsillier Edwin Gatt. Madankollu Paul Spiteri qal li jidher li għandna problema biex nakkwistaw il-makni tal-qtugħ tal-ġebel tal-barriera bħas-sena l-oħra, għaliex sidhom kien biegħhom.

12. Nicholas Briffa qal li l-**bandiera** reġgħet ma ttellgħetx mal-arblu fil-festa tal-21 ta' Settembru tal-Indipendenza. Is-sindku rribatta li huwa mhux ser itellgħaha iktar. Dan għax kull okkażjoni li kien hemm kważi dejjem ħa ħsiebha hu u meta ma niżżilhix, baqgħet hemm allavolja f'dan il-kunsill qiegħdin numru ta' nies. Wara diskussjoni jekk aħniex marbutin kif ukoll min se jieħu ħsieb itellagħha u jniżżilha, id-deċiżjoni ttieħdet biex ġurnata qabel festa pubblika tiġi mtella' mill-ħaddiema tal-*IPSL* u jniżżluha l-għada filgħodu. Biex jiftakar xi ħadd, se nagħmlu kalendarju bil-ġranet li fihom il-ħaddiema tagħna għandhom jieħdu dan l-inkarigu.

13. Dwar it-*token* li se jingħata lil min se jkun jimmeritah '**Ġieħ l-Imqabba**', Paul Spiteri avviċina lil *Timeless Jewelers* u dawn għandhom jagħtuna risposta peress li l-*engraving* iridu jordnawh għand xi ħadd ieħor.

14. Inqraw ic-*CVs* mis-segretarju eżekuttiv, tal-**persuni nominati għal Ġieħ l-Imqabba 2010.** Dawn huma ta' Carmel Zahra li ntqal li hu *'għamel dak li għamel'* għall-każin u għar-raħal, ta' Ġużeppi Ghigo li ntqal li vvinta l-*universal joint* fil-logħob tan-nar tal-art, kif ukoll ta' Mary u Joe Debattista li sa mill-1986 /7 bdew idoqqu u ffurmaw il-kor tar-raħal fil-Knisja Parrokkjali………………………………………………………………………… ……………………………………………………………………………………………can not be revealed until Gieh l-Imqabba is awarded. – ABonello………………………………………………………………………………… ……………………………………………………………………………………

15. . Is-sindku qal li peress li Mariella Brincat ma' tistax tmexxi s-serata ippropona li nistaqsu lil Angie Casha. Peress li s-serata kienet se tkun taħt il-patroċinju tal-Onor Chris Said li issa rreżenja minn segretarju parlamentari, Noel Galea qal li hemm ċans illi jattendi l-prim ministru stess għal din is-serata.

16. Wara li kienu approvati l-***payment approval sheets*** **Nri 391 u 392**, is-sinkdu ġibed l-attenzjoni illi l-konsum tal-elettriku ta' Ġnien Mikelanġ Sapiano minħabba li m'għandux *timer*, jirriżulta li qed jikkonsma aktar minn ġnien li hu akbar minnu, dak ta' Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira. Għal dan il-kliem Nicholas Briffa qal li l-ġnien ta' Mikelanġ Sapiano fil-fatt tard bil-lejl jintefa' għaliex jeżisti *timer*. Għaldaqstant il-KLM ikkonkluda li jibdel il-lampi ma' oħrajn *energy savers* fi Ġnien Mikelanġ Sapiano. Dan għandu jiġi vverifikat.

17. Il-lista tal-**korrispondenza** kollha li bgħatna u rċevejna mill-aħħar seduta s'issa u li kienet irreġistrata, ġiet mgħoddija lill-kunsillieri għall-benefiċċju ta' min xtaq jaraha.

18. Dwar il-**problema tad-drenaġġ** f'Binja tal-Gvern fi Triq il-Ħarriġiet, il-KLM hu infurmat li d-Dipartiment tas-Saħħa se joħroġ *nuisance report* lill-awtoritajiet konċernati u jagħtuhom żmien billi tinħareġ taħrika. Din il-binja ilha snin issofri problemi ta' drenaġġ aktarx minn xogħol fl-infrastruttura interna li ma twettaqx skond is-sengħa. Is-segretarju eżekuttiv kien imqabbad jgħaddi r-rapport mill-ġdid.

19. Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 u l-KLM se jiltaqa' nhar it-12 ta' Ottubru 2010 fis-6:30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*12 /10 /2010 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |